

Brussell, 25 ta' Ottubru 2019
(OR. en)

13295/19

EDUC 416
ECOFIN 900
EMPL 521
SOC 688

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Bażi ekonomika b'saħħitha għall-Ewropa: il-kisba tal-effettività, l-effiċjenza u l-kwalità tal-edukazzjoni u t-taħriġ - <i>Dibattitu ta' orjentazzjoni</i> (<i>Dibattitu pubbliku f'konformità mal-Artikolu 8(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill</i>) <i>[propost mill-Presidenza]</i>

Wara konsultazzjoni tal-Kumitat tal-Edukazzjoni, il-Presidenza ħejjiet id-dokument ta' diskussjoni meħmuż, li qiegħed jiġi ppreżentat bħala l-bażi għad-dibattitu ta' orjentazzjoni li ser isir fil-laqgħa tal-Kunsill Edukazzjoni, Żgħażaġħ, Kultura u Sport fit-8 ta' Novembru 2019.

Bażi ekonomika b'saħħitha għall-Ewropa:

il-kisba tal-effettività, l-effiċjenza u l-kwalità fl-edukazzjoni u t-taħriġ

- Nota ta' Analiżi mill-Presidenza -

- L-għan ta' din il-laqgħa konġunta huwa li tiġi pprovduta opportunità unika għall-ministri tal-finanzi u tal-edukazzjoni (1) għall-iskambju ta' fehmiet dwar ir-rwol tal-edukazzjoni u t-taħriġ fil-kontribut għal tkabbir sostenibbli fit-tul, u (2) għall-kondiviżjoni ta' esperjenzi u l-aħjar prattiki dwar politiki li jipromwovu l-kwalità, l-effiċjenza u l-effettività tal-edukazzjoni u t-taħriġ.

Is-sitwazzjoni attwali

- Hekk kif il-pajjiżi qiegħdin ibatu biex jirreaġixxu għall-globalizzazzjoni, il-progress teknoloġiku u l-bidla demografika, il-kapital uman sar saħansitra aktar importanti. Ir-rwol tal-edukazzjoni u t-taħriġ huwa vitali għas-soċjetajiet li jinsabu fil-proċess tal-akkumulazzjoni tal-kapital uman.
- Reċentement, l-Aġenda Strateġika l-ġdida tal-Kunsill Ewropew għall-2019-2024 enfasizzat l-impatt pożittiv tal-edukazzjoni u t-taħriġ kemm fuq l-ekonomija kif ukoll fuq is-soċjetà kollha kemm hi. L-istrateġija titlob li jiżdiedu l-investimenti fil-ħiliet u fl-edukazzjoni tan-nies, li jsir sforz akbar biex titrawwem l-intraprenditorija u li jiżdiedu l-isforzi tal-innovazzjoni u r-riċerka. Barra minn hekk, il-*Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali* jitlob li jkun hemm edukazzjoni, taħriġ u taġħlim tul il-ħajja ta' kwalità għolja u inklużivi.
- L-edukazzjoni u t-taħriġ kienu parti mill-aġenda tal-UE għat-tkabbir u l-impjiegi fl-istrateġija Ewropa 2020, u kien hemm enfasi speċjali fuq l-edukazzjoni, il-ħiliet u t-taġħlim tul il-ħajja fir-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi tal-2019. Il-Kummissjoni l-ġdida enfasizzat ukoll ir-rwol tal-ħiliet u l-edukazzjoni fl-ixprunar tal-kompetittività u l-innovazzjoni tal-Ewropa fil-Linji Gwida Politiċi tagħha (2019–2024).

- F'Novembru 2017, il-Grupp tal-Euro ddiskuta l-importanza tal-investimenti fil-kapital uman u l-effiċjenza tan-nefqa pubblika fuq l-edukazzjoni.

Ir-rwol tal-edukazzjoni u t-taħriġ

- Il-kapital uman huwa essenzjali biex tingħata spinta lill-produttività u t-tkabbir sostenibbli u huwa vitali għar-reżiljenza tas-soċjetajiet. L-aċċess għal edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità għolja għal kulħadd huwa mod effettiv biex jiġi miġġieled il-faqar u biex tiġi promossa l-ugwaljanza. Dan huwa l-pedament tas-soċjetà tal-benessri tal-Ewropa.
- Il-benefiċċji tal-edukazzjoni u t-taħriġ għas-soċjetà huma mdaqqa b'diversi modi. Fuq livell individwali, il-ħiliet miksuba mill-edukazzjoni u t-taħriġ jissarrfu frati oġhla ta' impjieg u fpagi oġhla. Pereżempju, ir-rata ta' impjieg tal-adulti bi kwalifika terzjarja hija madwar disa' punti perċentwali oġhla milli għal dawk b'edukazzjoni sekondarja għolja biss, u bħala medja jaqilgħu 44 % aktar fil-pajjiżi tal-UE.
- Ir-ritorni lejn l-edukazzjoni wkoll huma għoljin għas-soċjetà kollha kemm hi peress li forza tax-xogħol b'edukazzjoni tajba tikkontribwixxi għal tkabbir ekonomiku u tal-produttività u tmexxi 'l quddiem il-kapaċità innovattiva. Dan jgħin biex jogħla l-istandard tal-għajxien għall-popolazzjoni kollha. L-aċċess ugwali għall-edukazzjoni u t-taħriġ huwa wkoll wieħed mill-modi l-aktar importanti biex jitrawmu l-koeżjoni u l-mobbiltà soċjali u biex jiġi żgurat li s-soċjetajiet jitqiesu ġusti u ekwi.
- L-effetti kollaterali fuq il-kapital uman jimplikaw li, minbarra dawk li jagħmlu l-investment, il-benefiċċji jakkumulaw għal persuni oħra. Peress li huma involuti redditi kemm privati kif ukoll soċjali, hemm riskju ta' nuqqas ta' investment. Il-provvista pubblika tal-edukazzjoni u t-taħriġ tpatti għal dan il-falliment tas-suq.

- Għalkemm fil-biċċa l-kbira tiegħu l-ġhoti tal-edukazzjoni u t-taħriġ huwa r-responsabbiltà tal-Istati Membri, fil-kuntest tal-moviment liberu tal-persuni, l-edukazzjoni u t-taħriġ jistgħu jiġġeneraw effetti kollaterali pożittivi fi ħdan l-UE. Madankollu, emigrazzjoni sinifikanti u persistenti ta' forza tax-xogħol b'livell għoli ta' edukazzjoni jista' jkollha effetti negattivi fuq il-potenzjal ta' tkabbir u l-finanzi pubbliċi ta' xi pajjiżi.
- L-investment f'edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità għolja u inklużivi huwa kwistjoni ta' importanza strateġika għall-futur tal-Ewropa. Il-globalizzazzjoni, il-progress teknoloġiku u l-bidla demografika qed ikollhom impatt qawwi fuq is-swieq tax-xogħol u s-soċjetà. It-tiżiż kemm tal-ħiliet u l-kompetenzi bażiċi kif ukoll dawk aktar speċjalizzati u ż-żieda fil-livell edukattiv milħuq huma essenzjali. Minħabba s-soċjetajiet li qed jixxjehu fl-UE, huwa saħansitra aktar importanti li l-parti l-kbira tal-popolazzjoni fl-età tax-xogħol tkun edukata u impjegata.
- Fil-futur, id-diġitalizzazzjoni u l-progress teknoloġiku ser joħolqu hteġa dejjem akbar ta' taġħlim u aġġornament kontinwi tal-ħiliet. Jistgħu jirriżultaw tipi differenti ta' diskrepanzi bejn il-provvista u d-domanda f'termini ta' ħiliet u kompetenzi. L-isfidi futuri għas-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ jinkludu (1) il-bini tal-pedament għal eżiti edukattivi ta' kwalità għolja fi stadju bikri tal-ħajja, (2) l-aġġornament tal-ħiliet u tal-kompetenzi li jippermettu taġħlim ulterjuri u (3) l-appoġġ għat-taħriġ mill-ġdid u t-taġħlim ta' professjonijiet ġodda f'industriji differenti bi strutturi ta' kompiti differenti, li lkoll kemm huma ser jiffaċilitaw l-adattament għall-bidla strutturali fl-ekonomija u fis-suq tax-xogħol. Barra minn hekk, is-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ għandhom jantiċipaw il-ħtiġijiet futuri f'termini tal-ħiliet u l-kompetenzi biex jiżguraw forza tax-xogħol b'livell għoli ta' edukazzjoni fl-oqsma rilevanti. It-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid itejbu wkoll ir-reżiljenza għal skossi ekonomiċi.

Edukazzjoni ta' kwalità għolja, kosteffiċjenza u effettività

- Il-kapital uman huwa mibni prinċipalment permezz tas-sistema edukattiva u ffinanzjat l-aktar minn fondi pubbliċi fl-Ewropa. Bħala medja, 87 % tal-edukazzjoni mil-livell primarju sal-livell terzjarju kienet iffinanzjata minn fondi pubbliċi f21 pajjiż tal-UE¹ li huma wkoll membri tal-OECD fl-2016.
- It-tiżni tal-formazzjoni tal-kapital uman mhijiex neċessarjament kwistjoni ta' nfiq akbar iżda kwistjoni ta' nfiq b'mod aktar kosteffiċjenti u effettiv. F'livell komparabbli ta' nfiq, ċerti Stati Membri jiksbu riżultati aħjar minn oħrajn. Xi Stati Membri jiffaċċjaw l-isfida li jipprovdu nfiq adegwat biex jiżguraw eżiti ta' kwalità oġhla u aktar ekwi fl-edukazzjoni. Għal Stati Membri oħrajn, l-isfida hija li jonfqu b'mod aktar effiċjenti biex itejbu l-eżiti tagħhom tal-edukazzjoni.
- Il-konsiderazzjonijiet dwar l-effiċjenza tan-nefqa pubblika fuq l-edukazzjoni u t-taħriġ għandhom ikopru valutazzjoni tal-livell milħuq, il-kwalità u l-inklużività.
- Il-livell edukattiv milħuq fl-UE għola maż-żmien. Il-livell edukattiv medju milħuq fl-UE (edukazzjoni terzjarja) fil-grupp ta' età bejn it-30 u l-34 sena żdied minn 31 % fl-2008 għal 41 % fl-2018. Fl-istess ħin, il-perċentwal tal-persuni ta' bejn il-25 u l-34 sena mingħajr kwalifika sekondarja għolja naqas minn 18 % għal 14 %.
- F'termini ta' kwalità, ir-riżultati tal-UE fil-valutazzjoni PISA jinsabu fil-livell medju u hemm lok għal titjib. Barra minn hekk, hemm varjazzjoni konsiderevoli fi ħdan l-UE.
- F'termini ta' inklużività, f'ħafna Stati Membri nefqa pubblika aktar effiċjenti fuq l-edukazzjoni u t-taħriġ tista' wkoll ittejjeb l-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol u tippromwovi l-mobbiltà soċjali interġenerazzjonali. Fl-UE, ir-rata tan-NEET² għaż-żgħażaġh ta' bejn l-20 u l-24 sena kienet ta' 15 %, u 17 % għal dawk ta' bejn il-25 u d-29 sena fl-2018.

¹ Id-data għal żewġ pajjiżi tal-UE u tal-OECD, id-Danimarka u l-Greċja, mhijiex irrapportata fil-pubblikazzjoni tal-OECD *Education at a Glance* tal-2019.

² "Barra mill-Edukazzjoni, Impjieg jew Taħriġ" (NEET)

- Sabiex tkun garantita l-aħjar taħlita ta' eżiti mixtieqa mis-soċjetà, l-infiq fuq l-edukazzjoni u t-taħriġ ta' kwalità għolja għandu jkun effettiv ukoll. L-infiq effettiv jippermetti li jinkisbu sistemi ta' edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità għolja u inklużivi li jwasslu għal tkabbir ekonomiku, produttività u ugwaljanza.

Kwistjonijiet għad-diskussjoni

- Liema sfidi huma l-aktar urġenti għal pajjiżek fir-rigward tal-effiċjenza u l-effettività tal-edukazzjoni u t-taħriġ?
- Liema politiki tqis li huma l-aktar promettenti fil-promozzjoni tal-effiċjenza, l-effettività, l-inklużività u l-ugwaljanza fl-edukazzjoni u t-taħriġ?
- Kif jistgħu jinkisbu eżiti tat-tagħlim ta' kwalità għolja, livell edukattiv għoli milħuq u ugwaljanza fl-istess ħin?
- X'jista' jkun ir-rwol tal-kooperazzjoni Ewropea fil-promozzjoni tal-effiċjenza, l-effettività u l-kwalità għolja tal-edukazzjoni u t-taħriġ, u kif jistgħu s-soċjetajiet Ewropej jantiċipaw il-ħtiġijiet futuri ta' titjib tal-ħiliet u ta' taħriġ mill-ġdid?